KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**7/18**

**It-Tmintax (18) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħamis 4 ta' Frar, 2016 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Dott Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | | | |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 16 li saret fis-7 ta' Jannar 2016
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4. Approvazzjoni
   i. Skeda ta' pagamenti
   ii. Purchase Orders
   iii. Works Orders
   iv. Petty Cash
5. **Ordnijiet tal-ġurnata**
   a) Rapport ta Konsultazzjoni għat-talba tat-Toroq tal-One Way
   b) Memorandum of Understanding Management Agreement between Mosta Local Council and the Scouts Association of Malta (Mosta Scouts Group) for the running of he 'Batterija tat-Targa (Mosta Battery) limits of Mosta
   c) Lista ta' ilmenti pendenti
6. Korrispondenza

7. Kommunikazzjoni mis-Sindku

8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fit-7.50 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 16 li saret 7 ta' Jannar 2016**

Il-minuti tas-sittax (16) Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar ġiet approvata b'mod unanimu.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

**Minuta 6.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad mhemmx tweġiba fuq din il-proposta mingħand il-Perit u l-avukat tal-Kunsill ġaladarba f'dan ir-rigward xħin il-Kunsill ikollu l-parir tagħhhom din il-materja tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill mal-membri u tittieħed deċiżjoni.

**Minuta 6.5** – Is-Sindku nforma lill-membri li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Muscat kellu laqgħa mal-garaxx tal-Public Works fejn raw kif ser ikun xogħol ta' li ser isir ilqugħ ta fencing fuq il-pont. Is-Sur Muscat pubblikament irringrazzja lill Ministru Joe Mizzi kif ukoll lid-Dipartiment tal-Public Works li jaqa taħtu Public Works tal-inkonvenjent u l-għajnuna li l-Kunsill qed jirċievi sabiex ikunu evitati danni li qed jolqtu ċertu nies mis-soċjeta. Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li wara konsultazzjoni li kellu mad-Direttur tal-Public Works dawn irrakomandaw li qabel ma jsir ix-xogħol irrid ikun hemm il-permessi meħtieġa. Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li dan ix-xogħol ser isir parti parti minħabba it-tul li hemm. Apparti minhekk huwa spjega wkoll li ma l-istess ħadid ser ikun hemm aċċess għal-attivitajiet sportivi li kienu jsiru u jkunu jistgħu jibqgħu għaddejjin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri tal-Kunsill li minn wara din il-laqgħa sar kuntatt bl-email dwar dak li hu rikjest mill-Kunsill minħabba permess.

Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat mid-Direttur tal-Public Works li għal permessi meħtieġa ser jieħdu ħsieb l-istess Dipartiment . F'dan ir-rigward is-Sindku ippropona jekk hemmx oġġezzjoni minn naħa tal-membri sabiex dan il-proġett isir kif propost fis-seħħ.

Il-Kunsillier Alex Muscat issekonda Sindku filwaqt lill-membri tal-kunsill qablu unanimament.

**4. Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**5 Ordnijiet tal-ġurnata**

**a) Rapport ta konsultazzjoni għat-talba tat-Toroq tal-One Way**

Triq Sir Arthur Borton – Ġie deċiż sabiex is-sistema ta traffiku tinbidel hekk kif issib f'anness 1 . Il-membri qablu unanimament ma dan it-tibdil.

Żokrija – Ġie deċiż sabiex tiġi one way Triq Gorg Mitrovich mit-Triq il-Katakombi ta Bistra.

Triq Carmelo Schembri Is-Sindku nforma lill-membri li ser imur flimkien ma kunsillieri oħra fuq il-post sabiex tiġi evalwata il-proposta tal-Kunsill.

Triq il-Fortizza – Is-Sindku flimkien mal-membri iddeċidew sabiex din Triq isir kif kien previst.

Triq San Gwann u Triq San Silvestru. Fuq dawn iż-żewġ toroq is-Sindku kellu jżur il-post mal-kunsilliera rispettivi.

**b) Memorandum of Understanding Management Agreement between Mosta Local Council and the Scouts Association of Malta (Mosta Scouts Group) for the running of he 'Batterija tat-Targa (Mosta Battery) limits of Mosta**

Is-Sindku nforma lill-membri li ser jkun diskuss u rifless il-memorandum of Understanding li ser ssir bejn il-Kunsill Lokali u Mosta Scouts Group. Wara diskussjoni fit-tul , tqajjmu ħafna punti u ġie deċiż sabiex isiru xi emendi żgħar. Il-proposti li tressqu ġew milqugħa u l-Memorandum of Understanding kien ġie emendata kif propost. Kien hemm emenda li tressqet li kienet titlob li

l-għaqdiet tal-Mosta ikunu eżentati mill-pagament ta' 50 Ewro li kien qed jintalab. Fuq din il-proposta ma kienx hemm qbil u għaldaqstant is-Sindku ppropona sabiex jittieħed vot fuq din il-proposta.

Favur din il-proposta kienu kif ġej: Viċi Sindku Ivan Bartolo, Il-Kunsillier James Cassar, Il-Kunsillier Dott Karl Tanti, Il-Kunsillier Gianluca Busuttil

Kontra din il-proposta kienu kif ġej: Sindku Edwin Vassallo, Il-Kunsillier Alex Muscat, Il-kunsillier Keith Cassar, Il-Kunsillier Dorr. Angele Rapa

F'dan il-vot kien hemm 4 voti favur u 4 voti kontra. Is-Sindku uża casting vote u għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet 5 favur u 4 kontra.

F'Anness 2 hemm id-dokument hekk kif ġie emendat waqt il-laqgħa.

**c. Lista ta' ilmenti pendenti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li ħafna mill-patching u pavimentar għadhom pendenti minħabba nuqqas ta fondi u l-istat finanzjarju li jinsab fih il-Kunsill . Apparti minn hekk is-segretarju nforma lill-membri li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mad-Diretturi tal-PAMA fuq xogħol li qed ikun mitlub mill-kunsill Lokali fejn dan il-pavimentar huwa nkluż jekk dejjem ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet jiġifieri bejn diretturi tal-PAMA u l-Kunsill Lokali wara li dawn il-proposti ikunu diskussa bejn il-membri kollha . Dwar patching , l-aġent segretarju eżekuttiv nformahom li qiegħed jagħmel pjan biex ċertu patching isir direttament mill-ħaddiema eżistenti tal-Kunsill . Il-membri qablu unanimament.

## 6. Korrispondenza

### 6.1 Korrispondenza Nru 1 – Cirk Nru 2 – Proċeduri ġodda marbutin mat-Twaħħil ta Bozoz Enemalta

Il-membri preżenti ġew nformati bil-proċeduri il-ġodda li bagħtu l-Enemalta.

### 6.2 Korrispondenza Nru 2 - Triq E.B. Vella

Il-kunsill ressaq proposta biex Triq EB Vella it-tieni parti wara l-għalqa tiġi mogħtija isem propost Monsinjur Paolo Mallia li kien arċipriet bejn 1903-1930. Il-Kunsill irċieva risposta mill-Kumitat ta Tismijiet Ta Toroq fejn qabel mal-isem propost pero ma aċċettax li tissemma biċċa mit-triq. Huwa propona li jaċċetta talba jekk l-isem propost ikun jgħodd għat-triq kollha jiġifieri minn Triq is-Sgħajtar sa Triq San Anton Abbati . Il-membri tal-Kunsill qablu ma din it-talba.

**6.3 Korrispondenza Nru 3 – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġezzjoni għal din it-talba b'dawn il-kundizzjonijiet. Tintalab donazzjoni ta 50 Ewro . Elettriku u tindif ikun responsabbilita tagħhom.

**6.4 Korrispondenza Nru 4 – Paul & Waters Balcony Accidents**

Is-Sindku nforma lill-Viċi Sindku sabiex isejjaħ laqgħa mal-proprjetarji tal-kumpanija imsemmija aktar il-fuq.

**6.5 Korrispondenza Nru 5 – Street Lights in Blata l-Għolja Area**

Il-Kunsill qabel li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill japplika mal-Enemalta għall-approvazzjoni sabiex jitwaħħlu lampi ġodda.

**6.6 Korrispondenza Nru 6 – Talba sabiex titla notch 5 fi skala 10**

L-Aġent Segretarju tal-Kunsill informa lill-membri tal-Kunsill li Sinjorina Rita Galea qed titlob tieħu increment u titla fin-notch 5 fi skala 10. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**6.7 Korrispondenza Nru 7 – Ittra sabiex isir No Entry sign bil-kliem Except Un/loading Farmers**

Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta u għalhekk jsiru tabelli No parking Except for Residents & Garage Owners.

**6.8 Korrispondenza Nru 8 – Ilment Triq Carmelo Dimech (il-parti bejn Triq il-Pont u Triq Guzeppi Hyzler tiġi one way.**

Il-membri tal-Kunsill qablu li l-ewwel ser issir studju u wara tkun tista ttieħed deċiżjoni.

**6.9 Korrispondenza Nru 9 – Citizen Proposal re design to suit your needs**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li din id-deċiżjoni għandha tittieħed waqt il-laqgħa tar-Reġjun u min hemm ikollna għarfien x'ser isir dwar din il-proposta.

**6.10 Korrispondenza Nru 10- Talba għal Notch 6 fi skala 10**

L-Aġent Segretarju tal-Kunsill informa lill-membri tal-Kunsill li Sur Christopher Camilleri qed jitlob li jieħu increment u jitla fin-notch 6 fi skala 10. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**6.11 Korrispondenza Nru 11- Kwotazzjonijiet għal server**

Din il-materja kellha tiġi trattata urġentament peress li l-Kunsill kien mingħajr server u data tal-Kunsill setgħet tintilef. Il-membri tal-kunsill qablu unanimament li dan ix-xogħol kellu jingħata prijorita minħabba l-urġenza sabiex ma tintilifx data.

**6.12 Korrispondenza Nru 12- Ittra re bejgħ waqt il-Jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa**

Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss li ser ssir f'Marzu 2016.

**6.13 Korrispondenza Nru 13 – Email rigward il-Monti**

Is-Sindku nforma lill-membri li ser jibgħat ittra lill-bejjiegħa kollha sabiex ma jkunux tad-disturbi u ta nkonvenjent għar-residenti jekk l-ittra ser tkun injorata l-Kunsill ħa jordna servizz tal-LES sabiex jintervjenu huma.

**7.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ma ressaq l-ebda komunikazzjoni.

**8.0 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar it-**Tlieta 8 ta' Marzu 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-10.45 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 8/03/2016